MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 84/2013

**Carmelo *sive* Charles u Emanuel aħwa Pace**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi kemm l-att ta' twelid (numru li jmiss tal-iskrizzjoni 4696 – Dok "A") kif ukoll l-att tal-mewt (numru 74/2012 – Dok "B") ta' omm ir-rikorrenti, Jessie Pace née Saunders, fihom żball fis-sens:

Illi in kwantu għall-att ta' twelid, isem omm u isem missierha ġie erronjament indikat bħala *Ellen wife of the said Horace Saunders – u Giuseppe Debono (living)*

mentri fil-fatt kellhom jiġu ndikat bħala *Maddalena wife of the said Horace Saunders u Giuseppe Tabone (living).*

Illi in kwantu għall-att ta' mewt l-iżball fuq indikat reġa ġie ripetut u b'hekk l-isem l-omm l-istess Jessie Pace ġie erronjament indikat, fil-kolonna ntestat *"Isem u kunjom tal-ġenituri*" bħala *"Ellen Saunders née Debono (dead)"*, mentri dana kellu jiġi bħala *"Madalena Saunders née Tabone (dead)".*

Illi l-iżbalji (li effettivament huwa l-istess żball ripetut) fl-imsemmija ċertifikati ossia atti, u ċjoe' l-att ta' twelid kif ukoll l-att tal-mewt jidhru u joħorġu ċar mis-segwenti dokumenti u ċjoe' (a) l-att ta' żwieġ (numru 21/1910 – Dok "C") tal-ġenituri ta' Jessie Pace née Saunders, u ċjoe' Orazio Saunders u Maddalena Tabone, u (b) ċertifikat ta' twelid ta' Maddalena Tabone – Dok "D".

Għaldaqstant in vista tal-premess jgħid l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportun, inkluż l-Avviż skond l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jikkoreġi 'l fuq imsemmija atti, u ċjoe' l-att ta' twelid (numru li jmiss tal-iskrizzjoni 4696) u l-att ta' mewt (numru 74/2012) ta' Jessie Pace née Saunders, fis-sens li isem omm ta' Jessie Pace née Saunders jiġi ndikat bħala Maddalena mart Orazio Saunders née Tabone u kull fejn hemm bżonn kunjom missier Maddalena mart Orazio Saunders née Tabone jiġi ndikat bħala Tabone.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fil-5 ta' Marzu 2013, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta

tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni fl-att ta' twelid ta' isem omm u isem missier Jessie Pace biex jinqraw Maddalena wife of the said Horace Saunders u Giuseppe Tabone (living) minflok Ellen wife of the said Horace Saunders u Giuseppe Debono (living) salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid ta' omm ir-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 4696/1919 u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi f'dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att ta' twelid u ċjoe' s-sena 1919, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta' ġabra u kkonservar ta' informazzjoni u dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma il-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni;

b. Illi fl-att ta' twelid kien propriju missier Jessie, u ċjoe' Horace Suanders fejn kien iddikjara li l-omm kien jisimha Ellen u li missier il-mara tiegħu kien jismu Giuseppe Debono, kien għalhekk li l-informazzjoni li ta Horace Saunders li kien tniżżel fiċ-ċertifikat ta' omm ir-rikorrenti u saħansitra ffirma l-istess att.

3. Illi l-esponenti lanqas ma jsib oġġezzjoni għall-korrezzjoni fl-ismijiet fl-att tal-mewt Jessie Pace li minn *"Ellen Saunders nee Debono (dead)"* għal *"Maddalena Suanders nee Tabone"* salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid ta' omm ir-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 2832/2011 u dan għaliex kien proprju wieħed mir-rikorrenti stess, u ċjoe' Emanuel, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-att tal-mewt ta' ommu Jessie Pace (kif hawn anness u mmarkat bħala Dok JP1), u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta fiċ-ċertifikat tal-mewt kienet waħda korretta.

4. Illi għaldaqstant, id-Direttu tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi kif indikati fir-rikors qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi l-konvenut mhux isib oġġezzjoni għat-talba attriċi iżda qed jeċċepixxi biss li ma għandux ibati spejjeż. Il-Qorti taqbel ma' dan.

**DEĊIŻJONI**
**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopporati mill-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------